MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 160/2022 LM

**MD Mominur Rahman**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **MD Mominur Rahman**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tal-5 ta' Diċembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'd-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li r-rikorrent kien qiegħed jaħdem fl-istabbiliment 'Zion Bar & Restaurant' waqt l-ispezzjoni li saret mill-uffiċjali tal-immigrazzjoni, u dan meta ma kellu l-ebda

permess ta' xogħol validu, u għalhekk ikkonferma l-Ordni ta' Ritorn u l-Ordni ta' Tneħħija li nħarġu fid-19 ta' Mejju, 2022 fil-konfront tar-rikorrent mill-intimat **Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** (hawnhekk 'l-appellat') u fl-istess ħin ċaħad l-appell bin-numru IAB/SP/7143/22.

## <u>Fatti</u>

2. Ir-rikorrent huwa ċittadin tal-Bangladesh. Fit-28 ta' Diċembru, 2021, kien inħarġet favur tiegħu *approval in principle letter* mill-Aġenzija Identity Malta, li ppermettielu jikseb viża sabiex jidħol Malta għal skop ta' impjieg. Ir-rikorrent wasal Malta fil-15 t'April, 2022, u hekk kif wasal Malta huwa applika għal permess ta' residenza u ta' xogħol. Parti mill-proċess kien jinvolvi t-teħid ta' testijiet mediċi, kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni bijometrika lill-Aġenzija Identity Malta, u l-appuntament skedat għal dan l-iskop kien iffissat għat-23 ta' Mejju, 2022. Ir-rikorrent kellu jibda jaħdem f'Malta mal-kumpannija DMA Limited, li hija kumpannija li topera fil-qasam tal-kostruzzjoni. Iżda ġara li meta r-rikorrent ipprova x-xogħol offrut lilu minn din il-kumpannija, sab li dan kien ta' strapazz għall-abbiltajiet fiżiċi tiegħu, u għalhekk beda jfittex opportunitajiet ġodda ta' impjieg, fejn iltaqa' mal-opportunità li jaħdem bħala *dishwasher* ġewwa 'Zion Bar & Restaurant' ta' Marsascala. Ir-rikorrent qal li huwa mar fl-imsemmi stabbiliment fit-18 ta' Mejju, 2022, sabiex jiltaqa' mal-operaturi tal-istabbiliment, li finalment kellhom japplikawlu għal *change of employer* skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Dakinhar kienet saret spezzjoni konġunta minn uffiċjali ta' JobsPlus u mill-Pulizija, fejn ir-rikorrent ġie arrestat u miżmum mill-Pulizija. Fid-19 ta' Mejju, 2022 imbagħad, waqt li r-rikorrent kien għadu fil-

kustodja tal-Pulizija, inħarġu *Return Decision* u *Removal Order* fil-konfront tiegħu, fejn ġie spjegat lilu li huwa meqjus bħala immigrant ipprojbit f'Malta għaliex kien qiegħed jikser id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Ir-rikorrent ġie nfurmat li huwa kellu jħalli Malta immedjatament, u jirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu jew lejn xi pajjiż terz li jkun dispost li jaċċettah.

**Mertu**

3. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa kien mar fl-istabbiliment 'Zion Bar & Restaurant' l-ewwel darba fis-17 ta' Mejju, 2022, sabiex jipprova x-xogħol, u reġa' mar f'dan l-istabbiliment it-tieni darba fit-18 ta' Mejju, 2022, dakinhar li saret l-ispezzjoni fl-imsemmi stabbiliment, għaliex l-ewwel darba li mar fuq il-post, ma sab lil ħadd mid-diriġenti tal-istabbiliment. Kien hemmhekk li lir-rikorrent sarulu xi domandi mill-uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post, u wara nżamm fil-kustodja tal-Pulizija u nħarġu l-Ordni ta' Ritorn u l-Ordni ta' Tneħħija fil-konfront tiegħu. Fl-appell tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa ma kienx mar biex jaħdem fl-imsemmi stabbiliment, iżda biss biex jara jekk dan ix-xogħol kienx wieħed adattat għalih. Qal li huwa qatt ma kellu l-ħsieb li jikser xi disposizzjoni tal-liġi, u li huwa persuna ta' kondotta tajba. Qal li huwa rnexxielu jasal Malta wara ħafna sforzi u wara li ħallas ammonti sostanzjali ta' flus, u huwa ġie Malta sabiex ifittex opportunitajiet aħjar għall-futur tiegħu.

4. Ir-rikorrent qal li l-Ordni ta' Ritorn hija kompletament infondata kemm fil-fatt kif anki fid-dritt, u huwa fl-ebda waqt ma kiser xi disposizzjoni tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Qal ukoll li huwa ma kienx qiegħed jaħdem fl-imsemmi

stabbiliment, iżda biss biex jara jekk ix-xogħol offrut kienx wieħed adattat għalih. Qal li l-prova tax-xogħol fiha nnifisha mhijiex att illegali, u li huwa qatt ma kellu f'moħħu li jikser xi liġi tal-pajjiż. Qal ukoll li kien diġà nħariġlu Permess Uniku ta' Xogħol, u fil-fatt huwa kien fil-proċess li jagħti d-data bijometrika tiegħu lill-Aġenzija Identity Malta. Ir-rikorrent spjega li l-każ tiegħu kien wieħed sfortunat fejn l-ispezzjoni mill-uffiċjali tal-JobsPlus saret waqt prova tax-xogħol, u l-effetti tal-Ordni ta' Ritorn u l-Ordni ta' Tneħħija huma sproporzjonati u ser jikkawżawlu tbatija kbira.

5. Il-Pulizija ppreżentat kopja tal-istqarrija li ta r-rikorrent waqt li kien detenut. Minn din l-istqarrija jirriżulta li r-rikorrent kien ġie Malta għal skopijiet ta' xogħol, u qal li l-impjieg offrut lilu kien fil-qasam tal-kostruzzjoni, iżda meta beda jagħmel dan ix-xogħol, sab li ma kienx jgħodd għalih għaliex kien xogħol ta' strapazz. Spjega li kien qarib tiegħu li ħadu fl-istabbiliment 'Zion Bar & Restaurant', u meta waslu l-uffiċjali ta' JobsPlus u l-Pulizija tal-Immigrazzjoni fuq il-post qal "*I was working in dishwasher but in that particular moment I was not working".* Qal li huwa kien mar f'dan il-post ġurnata qabel, u kien mar jipprova x-xogħol sabiex jara kif ser imur. Qal ukoll li l-permess ta' xogħol li kellu kien sabiex jaħdem ma' kumpannija oħra u mhux fl-imsemmi stabbiliment ġewwa Marsascala.

6. Quddiem il-Bord xehed **Thomas Berry** f'isem l-Aġenzija Identity Malta, li spjega li l-applikazzjoni f'isem ir-rikorrent ġiet ippreżentata fil-25 ta' Novembru, 2021, u l-*approval in principle letter* ħarġet fit-28 ta' Diċembru, 2021. Qal li l-applikazzjoni saret sabiex ir-rikorrent jaħdem mal-kumpannija DMA Limited, u din ġiet rifjutata fid-19 ta' Mejju, 2022. Qal li r-rikorrent ma kellu l-ebda

awtorizzazzjoni jaħdem ma' xi kumpannija oħra, u huwa kellu permess temporanju biex jgħix f'Malta, iżda huwa ma setax jaħdem b'dan il-permess temporanju. Ix-xhud qal li l-proċess relatat mal-approvazzjoni ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' xogħol jieħu bejn erba' u sitt ġimgħat, u l-*approval in principle letter* hija valida għal perijodu ta' sitt xhur.

7. **PS 2095 Tania Azzopardi**, fix-xhieda tagħha quddiem il-Bord spjegat li hija kienet rat lir-rikorrent waqt l-ispezzjoni li saret fl-istabbiliment in kwistjoni, u hija lemħitu ħiereġ minn kamra fuq wara. Qalet li meta introduċiet ruħha, ir-rikorrent infurmaha li huwa kellu xogħol fit-tindif, u meta talbitu d-dokumenti, huwa qalilha li ma kienx jifhem bl-Ingliż. Qalet li kien f'dan il-punt li r-rikorrent ittieħet il-*headquarters* tal-Pulizija u ngħata t-twissija. Qalet li uħud mill-impjegati li nstabu fuq il-post kellhom flokk bil-*logo* tal-post, filwaqt li oħrajn ma kellhomx, u r-rikorrent kien liebes ħwejjeġ komuni meta twaqqaf mill-Pulizija.

8. **Bernard Zarb**, uffiċjal mal-Aġenzija JobsPlus, spjega li l-ispezzjoni saret wara li kien hemm rapport dwar individwu li kien qiegħed jaħdem fl-imsemmi stabbiliment mingħajr permess. Qal li l-ispezzjoni saret fis-sebgħa ta' filgħaxija, f'ħin li fih fuq il-post kien hemm il-klijenti. Qal li meta avviċinaw lir-rikorrent, dan infurmahom li huwa *cleaner* fil-post, għalkemm żied jgħid li huwa ma rax lir-rikorrent jagħmel xogħol ta' tindif. Ix-xhud qal li waqt din l-ispezzjoni ġie stabbilit li ħames ħaddiema li nstabu fuq il-post kienu qegħdin hemm b'mod regolari, filwaqt li ħamsa oħra kienu hemm b'mod irregolari. Ix-xhud qal li huwa wasal għall-konklużjoni li r-rikorrent kien qiegħed jagħmel xogħol fuq il-post, u li huwa ċertament li ma kienx fil-post bħala klijent.

9. Ir-rikorrent, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Bord qal li huwa kien fil-post biex jitkellem mal-operaturi tal-istabbiliment, u huwa u ħiereġ ġie mwaqqaf minn uffiċjal tal-Pulizija mara. Qal li huwa kien infurmaha li huwa mar hemm biex jitkellem mas-sid tal-istabbiliment, iżda jista' jagħti l-każ li huwa ma fehemx dak li kien qiegħed jingħad lilu għaliex ma jafx jitkellem tajjeb bl-Ingliż. Qal li dakinhar tal-ispezzjoni, huwa kien mar fil-post għat-tieni darba, għaliex l-ewwel darba li mar, sid l-istabbiliment ma kienx hemm.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

10. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Diċembru, 2022, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"1.**Preliminary***
>
> *The Board was presented with an appeal application on the 20th May 2022 from a removal order and the return decision issued against the appellant on the 19th May 2022. In the same application, an approval in principle letter was filed by the appellant, which was dated 28th December, 2021 which basically informed the appellant that he can proceed to Malta to continue the application of a work permit.*
>
> *The Board observes that at the same time an appeal was presented number IAB/SP/7143 by the same appellant following a refusal by Identity Malta dated 19th May 2022. The reason for such refusal was "*your application for a single permit is being refused in view that Identity Malta Agency has been informed by the PIO that a return decision and a removal order have been issued in your regard. Identity Malta Agency has been informed that on the 18th May 2022 a joint inspection was carried out at Zion Bar and Restaurant in Marsascala by JobsPlus personnel and the immigration police and he was found to be working there without being holder of a valid work single permit."
>
> *The Board notes that the return decision dated 19th May 2022 was based on the fact* that he contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder.

*The Board noted the appeal presented by his lawyer and held sittings in order to hear all the evidence. The Board observed that the various affidavits and evidence provided during the sittings. The Board also noted the waiver from possibility to apply for a period of voluntary departure.*

## 2. ***Evidence and Observations***

*First and foremost, the Board observes that the appellant when filing declarations and statements was assisted by the interpreter Sarkar Piyali. He was also assisted by the same interpreter during the sittings of this case.*

*In the very first statement that the appellant presented to the Police dated 19th May, 2022 the Board observes certain comments made by the appellant. When he was asked the question whether the employer of the establishment where he allegedly was found working had provided some payments for the employment, the appellant replied that he was first told to try and then if he could do it, the employer would apply for him at JobsPlus.*

*When he was asked whether he had a work permit to work at Zion Bar and Restaurant, the appellant admitted that he had a work permit but for a different company.*

*When he was specifically asked if he had a work permit to work at Zion Bar and Restaurant, the appellant replied: "***No, I do not have presently, but he will apply for me."**

*The Board notes that in conjunction to a further statement made by the appellant on the same day, the same appellant replied the following: "***I was working in dishwasher but in that particular moment I was not working"**. *When he was asked what he was doing, he said that he was coming back from the toilet.*

*The Board took note of evidence of affidavit given by PS 2095 Tania Azzopardi. She stated in the Maltese language: "*Meta Mr Rahman ġie mistoqsi x'kien qed jagħmel ħiereġ minn dik il-kamra u x'kien xogħlu, dan wieġeb li kien jaħdem bħala cleaner. Mr Rahman ġie mistoqsi minni bil-lingwa Ingliża. Ma kienx hemm problema li mhux qed jifhem dik il-lingwa."

*The Board then noted also the evidence given by Bernard Zarb who was present also for this inspection. Bernard Zarb, under oath quoted that he saw PS 2095 stop him and that he did not take photos of the appellant because he had admitted that he was working as a cleaner and that, according to him, it was sufficient evidence.*

*The Board observes and comments that it is true that the appellant invested a lot of effort and money to be able to come to Malta and that he did not intentionally probably put everything at stake. However, the law requires that a specific work permit is to be issued and when temporary permits are issued, the authorisation is to stay in Malta and not to work.*

*Moreover,the appellant had a pending application with DMA Limited which was actually also refused on 19th May 2022 and the fact that he appealed does not mean that he could work. So, in all instances, this person could not work in Malta without a valid work permit.*

*When the Board heard the representative of ID Malta, Thomas Berry, on 22nd July 2022, he specifically stated that "*unless a blue paper with a temporary authorisation that he can work, the applicant cannot work. The applicant, until he is accepted or refused, has a temporary authorisation to stay in Malta but he or she cannot work until a temporary authorisation to work in Malta is issued." *When the Board asked this witness whether this person had a temporary authorisation to work, Thomas Berry, on behalf of Identity Malta replied in the negative.*

*The Board, therefore, has no doubt that the appellant was working that day without being in possession of a valid work permit. The Board was also informed that no permit was issued in the meantime.*

*The Board also refers to IAB/SP/7143 where the refusal has been stated above. In this appeal, the Board also noted the reply given by the Director for Citizenships and Expatriates Affairs on 19th July 2022 that basically refers to the refusal that the appellant was refused because he was allegedly found working without a residence work permit being issued. The Board had, therefore, decided to take these two cases together as one connected with the other.*

***3. <u>Decide</u>***

*Whilst the Board is convinced that the appellant was working at Zion Bar during the joint inspection that was carried out, and this after hearing all the evidence provided during the sittings of this Board, confirms the removal order and the return decision which was issued against the appellant and is also at the same time refusing the appeal with number IAB/SP/7143/22.*
*Therefore, the Board is making it clear that unless his position in Malta has been regularised by the PIO, the appellant has no authority to remain in Malta."*

**L-Appell**

11. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-12 ta' Diċembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tal-5 ta' Diċembru, 2022, u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet kollha tiegħu. Ir-rikorrent spjega li permezz tar-rikors tal-appell intavolat minnu quddiem il-Bord, huwa talab għar-revoka, l-ikkanċellar, u l-annullament tal-Ordni ta' Ritorn, tal-Ordni ta' Tneħħija, u tal-Projbizzjoni fuq id-Dħul imposti fuqu, filwaqt li talab lill-Bord jiddikjara li d-detenzjoni tiegħu kienet illegali, u konsegwentement talbu jordna l-ħelsien immedjat tiegħu. Ir-rikorrent spjega li pendenti l-proċeduri quddiem il-Bord, huwa ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, u waqt il-proċeduri quddiem il-Bord huwa kkonferma l-fatti kif esposti, u ċaħad li kien qiegħed jaħdem jew li kien f'impjieg ma' 'Zion Bar & Restaurant'. Qal li dakinhar li saret l-ispezzjoni huwa kien fl-istabbiliment biss biex jiddiskuti mad-diriġenti tal-istabbiliment u sabiex jipprova x-xogħol prospettiv. Qal ukoll li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikser xi provvediment tal-liġi, u li huwa persuna ta' kondotta tajba, filwaqt li għal darb'oħra spjega li huwa kellu jgħaddi minn diversi ostakoli u jħallas ammonti sostanzjali ta' flus biex ikun jista' jivvjaġġa lejn Malta u jfittex opportunitajiet ta' xogħol aħjar. L-appellant qal li hekk kif ingħatat id-deċiżjoni tal-Bord fil-konfront tiegħu, huwa ġie immedjatament arrestat mill-Pulizija u dan minkejja li dik is-sentenza mhijiex waħda definittiva fil-konfront tiegħu, u qal ukoll li huwa nżamm arrestat.

12. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li s-sentenza appellata tal-5 ta' Diċembru, 2022 hija nulla u irrita stante li l-Bord aġixxa *ultra petita.* Qal li fil-

parti operattiva tas-sentenza appellata, *a sua sponte* l-Bord għadda biex jiddeċiedi wkoll l-appell fl-ismijiet **'MD Mominur Rahman vs. Director for Citizenship and Expatriates Affairs'** IAB/SP/7143, u dan meta l-ebda parti ma talbet li l-proċessi taż-żewġ appelli jiġu allegati, u mingħajr ma l-ebda parti kienet infurmata minn qabel b'din il-proċedura "irregolari" li l-Bord kien ser jadotta. Qal li din kienet sorpriża għalih, li nġabet għall-attenzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2022.

13. Qal li r-rikors inizjali tiegħu kien limitat għat-talbiet kif riprodotti f'dan ir-rikors, u għalhekk il-Bord kien ċirkoskritt li jiddeċiedi biss dwar dawk it-talbiet u xejn aktar. Qal li l-Bord ma kellu l-ebda fakoltà li jallega l-kawżi flimkien u jiddeċidihom f'daqqa, stante li dan ma jirriżulta minn imkien fil-liġi u wisq inqas mill-Kap. 217 jew minn xi liġi sussidjarja oħra. Qal li għandu jirriżulta wkoll li l-ebda parti m'għamlet xi talba għall-allegazzjoni tal-proċessi flimkien. Qal li huwa mhux biss ma kienx konsapevoli li l-appell separat kien ser jiġi deċiż fl-istess ħin, iżda anki l-Bord għadda biex jiddeċiedi l-appell l-ieħor mingħajr ma kellu quddiemu l-proċess ta' dan il-każ, u mingħajr ma kellu quddiemu l-leġittimu kontradittur tal-proċeduri separati. Qal li l-appell intavolat minnu mir-*Return Decision, Removal Order, Entry Ban* u *Detention* (numru IAB/RO/28/2022), isib il-bażi legali tiegħu fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12 (Regolamenti dwar Standards u Proċeduri Komuni għar-Ritorn ta' Ċittadini ta' Pajjiżi li jkunu qegħdin fil-Pajjiż Illegalment), filwaqt li l-appell li qatt ma kien il-mertu ta' din il-proċedura, jsib il-bażi legali tiegħu fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 (Regolament dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li jirrisjedu legalment f'Malta). Qal li għalhekk huwa

ċar li l-intimat fl-appell odjern, jiġifieri l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, qatt ma seta' jkun leġittimu kontradittur fl-appell l-ieħor, peress li l-leġittimu kontradittur fl-appell l-ieħor huwa d-Direttur għad-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Esproprjazzjoni. Qal li għalhekk inħolqot sitwazzjoni perversa fejn il-Bord ta deċiżjoni *a sua sponte* dwar proċeduri li fihom il-leġittimu kontradittur qatt ma kien parti u qatt ma pparteċipa. Qal li għalhekk il-Bord adotta proċedura irregolari, li tista' twassal għal riperkussjonijiet proċedurali perikolużi ferm.

14. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li s-sentenza tal-5 ta' Diċembru, 2022 hija nulla u ma jista' jkollha ebda effett legali stante li l-indikazzjoni fl-okkju tas-sentenza, hija kompletament żbaljata u ma tirriflettix ir-rikors promutur. Qal li l-parti tal-okkju li tikkonċerna s-sentenza appellata tal-5 ta' Diċembru, 2022 (IAB/RO/28/2022) testwalment jaqra 'Rahman MD Mominur *vs.* Identity Malta Agency', u li Identity Malta Agency la qatt kienet parti f'dawn il-proċeduri bħala konvenuta u lanqas bħala leġittimu kontradittur, u b'hekk is-sentenza mogħtija ma jista' jkollha l-ebda effett legali stante li Identity Malta Agency m'għandha x'taqsam xejn mal-proċedura mertu tal-appell odjern. L-appellant qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord kif pronunzjata, ma jista' jkollha l-ebda effett legali stante li ma torbotx fuq l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni iżda fuq l-Aġenzija Identity Malta, li hija kompletament estranea għall-proċedura impunjata.

15. L-appellant, permezz tat-tielet aggravju tiegħu, qal li l-Bord għamel applikazzjoni żbaljata tal-liġi fl-interpretazzjoni ta' x'jikkostitwixxi 'impjieg'. Qal li dak li kien qed jagħmel hu fl-istabbiliment 'Zion Bar & Restaurant' fit-18 ta' Mejju, 2022, ma jinkwadrax fid-definizzjoni ta' 'impjieg' li tista' twassal għall-

ħruġ ta' *Return Decision, Removal Order, Entry Ban,* u d-detenzjoni tiegħu. Kompla jgħid li fl-atti m'hemm xejn li jindika li huwa kien tassew fl-impjieg veru u proprju ta' dan l-istabbiliment, u ma nġabet l-ebda prova li huwa kien qiegħed jitħallas minn dan l-istabbiliment, jew xi prova oħra li turi li huwa kien qiegħed jitħallas mill-operaturi tal-istabbiliment. Kompla jgħid li huwa ma kienx qiegħed jaħdem, u li qatt ma rċieva rimunerazzjoni, anzi dakinhar li saret l-ispezzjoni kienet biss it-tieni darba tiegħu li mar f'dak l-istabbiliment, u huwa kien mar hemm biex jiddiskuti, jara u jipprova x-xogħol. Qal li dan la jinkwadra fid-definizzjoni ta' 'kuntratt ta' servizz' u lanqas fid-definizzjoni ta' 'kuntratt ta' impjieg' skont il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta nħarġu r-*Return Decision, Removal Order, Entry Ban,* u l-Ordni ta' Detenzjoni fil-konfront tiegħu, għaliex fil-mument li dawn inħarġu, huwa ma setax jitqies li kien qiegħed f'Malta b'mod illegali. Qal li fil-mument li nħarġu dawn is-sanzjonijiet fil-konfront tiegħu, ma kien hemm l-ebda deċiżjoni definittiva li huwa kien jinsab f'Malta illegalment, u huwa daħal f'Malta permezz ta' *visa* li nħarġet lilu b'mod validu. Qal li għalhekk ma kien hemm l-ebda provvediment finali li jgħid li huwa kien qiegħed f'Malta b'mod illegali.

17. Permezz tal-ħames aggravju tiegħu, l-appellant qal li r-*Return Decision, Removal Order, Entry Ban,* u l-Ordni ta' Detenzjoni huma miżuri li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati f'każijiet bħal dawn, u huma ferm sproporzjonati. Qal li anki kieku għall-argument kellu jiġi kkonsidrat li dakinhar li saret l-ispezzjoni fl-istabbiliment 'Zion Bar & Restaurant' huwa kien qiegħed jaħdem,

dan il-fatt m'għandux iwassal għall-konsegwenzi drastiċi u drakonjani fil-konfront tiegħu. Żied jgħid li huwa pprova li kien ilu Malta biss ftit ġimgħat, inqas minn xahar, u kif titħaddem is-sistema fil-preżent mill-Aġenzija Identity Malta, persuni ta' pajjiżi terzi bħalu neċessarjament iridu jistennew ix-xhur sabiex ikollhom permess validu ta' xogħol. Qal li lanqas m'huwa faċli għal persuni bħalu li jibdlu l-impjieg, għaliex dan ifisser li tkun trid tinbeda proċedura ġdida magħrufa bħala *change of employer,* liema proċedura tieħu diversi xhur. Qal li l-mod kif qegħda titħaddem is-sistema fil-preżent, qegħda twassal għal diversi abbużi, u l-proċess tal-applikazzjoni jinsab fdat kompletament f'idejn min ser iħaddem, u għalhekk l-awtoritajiet f'ċirkostanzi bħal dawn għandhom ikunu ferm aktar klementi, u għandhom jifhmu s-sitwazzjoni li jkunu jinsabu fiha l-applikanti, partikolarment meta jiġu biex jinterpretaw jekk persuna tkunx f'Malta illegalment jew le.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

18. Fir-risposta tiegħu, l-appellat qal li l-Bord ma jistax jitqies li mexa *extra petita* u dan għaliex l-ekonomija tal-ġudizzju u l-mod kif jiġu kkontrollati l-provi huwa fdat fis-sistema ġuridika tal-Qrati. Żied jgħid li l-Bord jirregola l-proċedura tiegħu stess, safejn din mhijiex speċifikata fil-liġijiet viġenti. Qal li għalhekk ma hemm xejn x'jistona fil-fatt li l-Bord jista' jallega l-atti ta' appell ma' atti ta' appell ieħor, aktar u aktar meta l-appelli jikkonċernaw l-istess persuna kif ukoll mertu kważi identiku jekk mhux konsegwenzjali wieħed għall-ieħor, f'dan il-każ *visa* għal permess uniku ta' xogħol u għal soġġorn f'Malta. Qal li l-Bord twaqqaf sabiex jasal għal ġustizzja permezz ta' proċedura ekwa u ġusta, u l-fatt li l-Bord għarbel il-provi li ġew prodotti quddiemu, ma jistax jiġi utilizzat kontra l-animu

tal-Bord li fl-aħħar mill-aħħar jeżisti biex ikun ċert li jasal għal deċiżjoni skont il-fatti kollha rilevanti f'idejh.

19. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellat qal li dan huwa wieħed fieragħ, stante li bl-ebda mod l-intitolar korrett ta' okkju *o meno* ma jrendi sentenza irrita u nulla. Qal li l-appellant qatt ma ġie ppreġudikat għaliex kien hemm xi allegat żball fl-okkju, u d-dritt ta' appell quddiem din il-Qorti baqa' impreġudikat, u għalhekk l-appell fuq punt ta' liġi u fuq il-mertu ġie intavolat mingħajr ebda problema. Qal li fil-fehma tiegħu l-appellant qiegħed jipprova jiggranfa ma' kull ħaġa sabiex irendi s-sentenza tal-Bord waħda nulla. L-appellat qal li l-intitolar tal-okkju fuq deċiżjoni, mhuwiex rekwiżit *ad validitatem* li jemana minn xi liġi partikolari, u qal li fl-artikolu 790 tal-Kap. 12 hemm stabbilit liema huma s-sitwazzjonijiet fejn l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tistax tintlaqa'. Qal li fil-fatt dik l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità tal-persuna jew li s-sentenza tal-ewwel Qorti tkun *extra petita* jew *ultra petita,* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika s-smigħ xieraq. L-appellat qal li n-nuqqas odjern bl-ebda mod m'huwa wieħed sostantiv, u ma jibdel xejn mid-deċiżjoni, speċjalment fid-dawl tal-fatt li dan in-nuqqas jista' jissewwa f'dan l-istadju mingħajr ma jinħoloq ebda preġudizzju lill-partijiet. L-appellat saħaq li fil-każ odjern, il-fatt li l-intitolar fl-okkju tad-deċiżjoni tal-Bord seta' kien differenti, mhijiex bażi ta' nullità għaliex id-deċiżjoni xorta waħda ġiet komunikata lill-partijiet u l-appellant ma ġiex ippreġudikat, u b'hekk ma tilifx il-jedd li jappella, kif fil-fatt għamel.

20. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellat saħaq li skont l-artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni għandha tkun waħda finali, u li minnha m'huwa permess l-ebda appell, għajr għal appell dwar punt ta' dritt. Qal li l-aggravji proposti mill-appellant huma intiżi biex jindirizzaw reviżjoni tal-provi mressqa quddiem il-Bord u mhux sabiex jiġi indirizzat punt ta' dritt. Żied jgħid li jekk wieħed jifli r-rikors tal-appell intavolat mill-appellant, wieħed jasal għall-konklużjoni li dan qiegħed jitlob lil din il-Qorti ta' reviżjoni tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi, u dan imur kontra r-regola fis-sistema ġuridika tagħna li l-apprezzament tal-provi u punti ta' fatt minn Qorti ta' Appell jistona mal-eżerċizzju li tkun għamlet l-ewwel enti ġudikanti sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Qal li fil-każ odjern lanqas ma jirriżulta li saret xi inġustizzja manifesta li għandha twassal lil din il-Qorti tagħmel eċċezzjoni għar-regola fuq ċitata.

21. Qal ukoll li jekk wieħed kellu jindaga l-mertu tad-deċiżjoni, jirriżulta li l-appellant kellu permess uniku ta' xogħol sabiex jaħdem ma' DMA Limited f'xogħol fil-kostruzzjoni, u li huwa kellu *approval in principle* biex jagħmel dan. Qal li fit-18 ta' Mejju, 2022, l-appellant inqabad jaħdem fi stabbiliment tal-ikel u x-xorb mingħajr il-permess neċessarju, u fid-19 ta' Mejju, 2022 inħarġu r-*Removal Order, Return Decision, Entry Ban,* u l-appellant ġie detenut għaliex kien kiser il-kundizzjonijiet rigward is-soġġorn tiegħu f'Malta. Żied jgħid li mill-provi għandu jirriżulta li waqt il-perijodu ta' detenzjoni, l-appellant għamel dikjarazzjoni fis-sens li huwa kien qiegħed jaħdem bħala *cleaner* ma' Zion Bar & Restaurant. L-appellat qal li dan huwa fatt inkonfutabbli, li ma jistax jingħeleb bl-iskuża li l-appellant kien qiegħed fl-imsemmi stabbiliment bi prova sabiex jitkellem mad-diriġenti tiegħu. Qal li l-appellant la seta' jaħdem f'dan l-

istabbiliment qabel issir iċ-*change of work application,* u lanqas seta' jagħmel xi forma ta' prova, u dan għaliex kemm l-ewwel att u kemm it-tieni att jiksru l-kundizzjonijiet tiegħu li jirrisjedi u jaħdem ġewwa pajjiżna skont il-permess kif maħruġ minn Identity Malta.

21. B'riferiment għar-raba' aggravju tal-appellant, l-appellat qal li dan huwa *textbook case* fejn persuna tinqabad b'mod flagranti taħdem f'impjieg li mhux regolat skont il-liġijiet u l-*policies* viġenti. Qal li l-fatt li l-appellant inqabad jaħdem fuq xogħol fejn ma kellux permess li jaħdem, ifisser li dan irrenda lilu nnifsu persuna li mar kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk ir-residenza tiegħu f'Malta saret waħda illegali.

22. B'riferiment għall-ħames aggravju tal-appellant, l-appellat qal li f'każ li l-appellant qiegħed jammetti li huwa kien qiegħed jaħdem illegalment għaliex ma kellux permess jagħmel dan, jew inkella qiegħed jikkontesta d-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-konfront tiegħu, m'għandux ikun il-Bord jew din il-Qorti li jagħmlu eżami dwar jekk il-konsegwenzi tal-ordni humiex proporzjonati jew le. L-appellat qal li fil-każ odjern l-awtoritajiet applikaw il-liġi kif inhi, u li kieku l-leġislatur ried jilleġisla konsegwenzi differenti, kien jagħmel dan. L-appellat qal li l-konsegwenza tal-ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 217 teżisti sabiex ikun hemm deterrent għal min għandu l-interess jabbuża mis-sistema tal-impjieg fil-pajjiż, u huwa ovvju li l-awtoritajiet għandhom interess ġenwin li l-impjiegi u residenza fil-pajjiż ikunu regolati sabiex jiġu evitati forom ta' abbuż kemm minn min iħaddem kif ukoll mill-impjegati. Qal li huwa ovvju għalhekk li ladarba l-appellant għadda minn proċess regolat sabiex jaħdem ma' DMA Limited, ma setax jaqbad u jiftiehem ma' *employer* ieħor għal xogħol differenti, li ma kienx

ġie approvat mill-awtoritajiet. Qal ukoll li mill-atti quddiem il-Bord, ma jirriżultax li l-Bord ikkonsidra dan il-każ b'mod leġġer, għaliex saru diversi seduti quddiem il-Bord fejn instemgħu diversi provi, saru *statements* u *affidavits,* u anki kien hemm seduta għas-sottomissjonijiet. Qal li għalhekk mhuwiex minnu li l-konsegwenzi tal-ordni li ngħataw lill-appellant ma tqisux bis-serjetà.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

23. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, li ntalab jirritorna lura lejn pajjiżu u nżamm detenut pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, wara li ġie Malta permezz ta' viża u permess temporanju ta' soġġorn, u wara li applika wkoll għal permess uniku ta' xogħol. Jirriżulta li waqt li kien hawn Malta, u qabel beda l-impjieg tiegħu fil-kostruzzjoni, li abbażi tiegħu kien applika għall-permess uniku ta' xogħol, l-appellant qies li l-impjieg li kien sab ma kienx jgħodd għalih, u għalhekk beda jfittex impjieg ieħor. Huwa sab impjieg bħala *dishwasher* fi stabbiliment f'Marsascala. L-appellant jgħid li huwa mar f'dan l-istabbiliment sabiex jaħdem bi prova, iżda dakinhar li kien qiegħed jipprova dan ix-xogħol il-ġdid, kienet saret spezzjoni mill-uffiċjali tal-Aġenzija JobsPlus u mill-uffiċjali tal-Pulizija, u kien għalhekk li huwa nżamm detenut filwaqt li fil-konfront tiegħu nħarġu Ordni ta' Ritorn, Ordni ta' Tneħħija, u Projbizzjoni fuq id-Dħul. Fl-istess ġurnata li fiha ngħataw dawn l-ordnijiet, l-Aġenzija Identity Malta ddeċidiet li l-permess uniku li kien talab l-appellant abbażi tal-impjieg fil-kostruzzjoni, kellu jiġi miċħud ukoll. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet separati li ttieħdu fil-konfront tal-appellant wasslu għal żewġ appelli separati quddiem il-Bord dwar l-Immigrazzjoni, iżda jirriżulta li

b'deċiżjoni waħda mogħtija fil-5 ta' Diċembru, 2022, il-Bord irrifjuta ż-żewġ appelli ippreżentati mill-appellant.

*L-ewwel aggravju:* *[id-deċiżjoni tal-Bord li hija irrita, nulla, u 'extra petita']*

24. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li d-deċiżjoni tal-Bord hija waħda irrita u nulla, u dan għaliex bid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord ġabar flimkien iż-żewġ appelli intavolati mill-appellant, u dan mingħajr ma kien hemm talba minn xi ħadd mill-partijiet għall-allegazzjoni tal-atti, u mingħajr ma l-appellant kien jaf li ż-żewġ deċiżjonijiet ser jingħataw fl-istess ħin. L-appellant allega wkoll li l-Bord iddeċieda mingħajr ma kellu quddiemu l-atti tal-appell l-ieħor. Żied jgħid li wieħed mill-appelli huwa regolat bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12, u l-ieħor bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u għalhekk il-Bord ma setax jiddeċiedi ż-żewġ appelli b'deċiżjoni waħda. Qal ukoll li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma setax ikun leġittimu kontradittur fiż-żewġ appelli, u l-appell mid-deċiżjoni li t-talba tiegħu għal permess uniku tiġi rifjutata, sar kontra l-Aġenzija Identity Malta u mhux kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u għalhekk il-proċedura adottata mill-Bord hija waħda irregolari.

25. Il-Qorti tirrileva li l-mertu tal-appell odjern (numru ta' referenza IAB/RO/28/2022) huma l-Ordni ta' Ritorn, l-Ordni ta' Tneħħija, il-Projbizzjoni fuq id-Dħul u d-detenzjoni tal-appellant, liema sanzjonijiet ġew imposti fuqu wara l-ispezzjoni li saret fl-istabbiliment f'Marsascala fejn l-appellant jgħid li kien qiegħed jagħmel xi xogħol bi prova. L-appellant kien intavola proċeduri separati quddiem il-Bord kontra l-Aġenzija Identity Malta sabiex jikkontesta d-

deċiżjoni li l-permess uniku mitlub minnu kien ġie miċħud (numru ta' referenza IAB/SP/7143). Il-Qorti tosserva li dak li qal l-appellat, jiġifieri li l-Bord għandu s-setgħa li jirregola l-proċedura tiegħu stess, u li l-Bord aktarx li kien immotivat mill-ħtieġa li jagħmel ekonomija tal-ġudizzju, huwa kollu minnu. Iżda daqstant ieħor huwa prinċipju assodat fis-sistema tagħna, li Bord, Tribunal jew Qorti għandhom jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom, li qabel tittieħed deċiżjoni għandhom jinstemgħu l-partijiet kollha involuti, u li kull parti involuta fi proċeduri ġudizzjarji għandha tinżamm infurmata bil-proċedura li tkun qegħda tiġi adoperata fil-konfront tagħha. Fil-każ odjern l-appellant ma kienx jaf li l-Bord kien ser jagħti deċiżjoni dwar l-appell ippreżentat minnu mid-deċiżjoni ta' rifjut tal-permess uniku li applika għalih, f'deċiżjoni waħda li ngħatat mad-deċiżjoni mill-appell tal-ordni ta' ritorn u l-ordni ta' tneħħija. L-appellant qiegħed jilmenta li fil-każ odjern il-Bord ta deċiżjoni mingħajr ma kellu quddiemu l-atti tal-appell separat dwar ir-rifjut tal-permess uniku mitlub minnu. L-appellat bl-ebda mod ma seta' jgħid li dan mhux minnu fir-risposta ppreżentata minnu, għaliex l-appellat mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri separati mibdija mill-appellant. Il-Qorti filwaqt li mhijiex tal-fehma li dan l-istat ta' fatt jirrendi nulla id-deċiżjoni tal-Bord, fl-istess waqt tqis li l-Bord kellu jagħti deċiżjoni separata, immotivata kif suppost, u wara li jkun sema' lill-partijiet involuti jekk ikun meħtieġ, dwar l-appell separat intavolat mill-appellant, jiġifieri dwar ir-rifjut tal-permess uniku mitlub minnu. Il-Qorti ma taqbilx li d-deċiżjoni tal-Bord hija *extra petita,* għaliex il-Bord kellu żewġ appelli separati quddiemu, li minflok ġew deċiżi b'żewġ deċiżjonijiet separati, ġew deċiżi b'deċiżjoni waħda tal-Bord. Iżda l-Qorti tqis li kellha tingħata deċiżjoni separata mill-Bord dwar it-tieni appell intavolat mill-appellant (IAB/SP/7143).

*It-tieni aggravju:* *[in-nullità minħabba okkju żbaljat]*

26. L-appellant jgħid li hemm raġuni oħra għalfejn id-deċiżjoni tal-Bord għandha titqies li hija nulla, u dan għaliex hemm żball fl-okkju tad-deċiżjoni tal-Bord, hekk kif il-Bord ġabar flimkien iż-żewġ appelli intavolati mill-appellant, u qies li dawn it-tnejn saru kontra l-Aġenzija Identity Malta, minkejja li r-referenzi taż-żewġ proċeduri separati huma korretti (IAB/RO/28/2022) u (IAB/SP/7143). Fil-fatt l-ewwel appell ma sarx kontra l-Aġenzija Identity Malta, iżda kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li kien hu li ħareġ l-ordni ta' ritorn u l-ordni ta' tneħħija fil-konfront tal-appellant. Minkejja dan, is-sentenza tal-Bord tindika li ż-żewġ proċeduri saru kontra l-Aġenzija Identity Malta.

27. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Mary Assunta Azzopardi et *vs.* Michael Camilleri et**[1], fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet wara li tqajjem aggravju ta' nullità minħabba żball fl-okkju ta' sentenza tal-Ewwel Qorti:

> *"10. L-artikolu rilevanti għall-kwistjoni tallum huwa, fil-fehma tal-qorti, l-art. 790 tal-Kodiċi ta' Orgnaizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*
>
> **790.** Meta quddiem qorti fi grad ta'appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq.
>
> 11**.** *Il-prinċipju ermenewtiku ta'* eiusdem generis *irid illi kull wieħed min-nuqqasijiet imsemmija fl-art. 790 ikun, bħal* "kull difett ieħor" *li għandu jwassal għan-nullità tas-sentenza, difett li* "jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq"*. Il-partijiet*

[1] App. Sup., 03.02.2012.

*li f'isimhom tkompliet il-kawża wara l-mewt ta' Peter Paul Camilleri, u li isimhom ma jidhirx fl-occhio tas-sentenza, ma ġarrbu ebda preġudizzju minħabba f'dan in-nuqqas: kienu mgħarrfa bil-proċeduri mibdija mill-awtur tagħhom, kienu notifikati bl-atti li kienu jeħtieġu notifika, ħadu sehem fit-tmexxija tal-proċeduri, ma sar xejn minn wara daharhom, il-proċeduri saru quddiem qorti li kellha ġurisdizzjoni fuqhom, is-sentenza ma ngħatatx fuq ħaġa li ma kellhomx għax jistennew li sejra li tingħata s-sentenza dwarha u ma ġarrbu ebda preġudizzju ieħor li jista' jxellfilhom il-jedd għal smigħ xieraq.*

*12. Jidher wisq evidenti illi li titħassar sentenza għal raġuni li ma tagħmel ebda preġudizzju lill-partijiet u li hija għal kollox indifferenti għall-interessi tagħhom mhux biss ma jkunx fl-interess tal-ġustizzja iżda anzi jkun ta' ħsara, għax ikun ifisser li dak kollu li sar matul is-sitt snin li ilha tinstema' l-kawża jkun sar għal xejn u jkollu jsir mill-ġdid, b'ħela ta' ħin u ta' flus għalxejn, u dan kollu għal raġuni li ma għandha x'taqsam xejn mal-ħtiġijiet tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.*

*13. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' nullità tista' tintlaqa' mhux minħabba xi nuqqas proċedurali iżda biss jekk ma jintweriex illi s-sentenza hija "ġusta fis-sustanza tagħha"."*

28. Il-Qorti taqbel pjenament ma' dan il-ħsieb. Fil-fatt ma jidhirx li xi parti jew oħra ġiet ippreġudikata f'dak li huwa żball ovvju fl-okkju tad-deċiżjoni tal-Bord, u għalhekk il-Qorti ma tqisx li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju: [interpretazzjoni żbaljata ta' x'inhu dak li jikkostitwixxi 'impjieg']*

29. L-appellant jgħid illi dak li attwalment irriżulta li huwa kien qiegħed jagħmel fl-istabbiliment 'Zion Bar & Restaurant' dakinhar li seħħet l-ispezzjoni li wasslet għad-detenzjoni tiegħu u għall-konsegwenzi l-oħra kollha imposti fuqu, bl-ebda mod ma jikkostitwixxi 'impjieg', għaliex huwa ma kienx qiegħed jaħdem bi qliegħ. Qal li huwa mar f'dan l-istabbiliment biss bħala prova, u dak li kien qiegħed jagħmel huwa la jaqa' fid-definizzjoni ta' kuntratt ta' servizz, u lanqas

fid-definizzjoni ta' kuntratt ta' impjieg *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

30. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jirriżulta mill-atti, u għad-deċiżjoni tal-Bord, li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu spjega li huwa wasal għall-konklużjoni li l-appellant kien qiegħed jaħdem fl-imsemmi stabbiliment għaliex l-appellant ammetta li kien qiegħed jaħdem bħala *dishwasher.* Mix-xhieda mogħtija mill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post, fil-fatt jirriżulta li kien biss wara li għamel din l-istqarrija li l-appellant qal li ma kienx jifhem tajjeb bl-Ingliż. Fil-fehma tal-Qorti hemm diversi tipi ta' impjieg, inkluż xogħol każwali, u forom ta' impjiegi irregolari li ċertament li ma jaqgħux fid-definizzjonijiet mogħtija fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid jingħad ukoll li fil-każ odjern, l-appellant kellu biss permess temporanju ta' soġġorn f'pajjiżna, u li la kellu permess biex jaħdem fis-settur tal-kostruzzjoni, u lanqas ma kellu permess biex jiffrekwenta xi post tax-xogħol ieħor, lanqas bi prova. Fuq kollox kien l-appellant stess li ammetta li huwa kien qiegħed jagħmel xogħol ta' tindif fil-post waqt l-ispezzjoni li saret, u għalhekk ma jistax issa jgħid li l-Bord m'għamilx analiżi korretta taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ meta qies li l-appellant kien qiegħed jagħmel xogħol mingħajr permess fl-istabbiliment fejn saret l-ispezzjoni. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[l-appellant ma kienx qiegħed f'Malta illegalment]*

31. L-appellant jgħid li meta nħarġu ordni ta' ritorn, ordni ta' tneħħija, projbizzjoni tad-dħul, u ordni ta' detenzjoni fil-konfront tiegħu, huwa ma kienx qiegħed Malta illegalment.

32. Il-Qorti tqis li fil-mument li l-appellant aġixxa bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(2) tal-Kap. 217, huwa rrenda lilu nnifsu immigrant ipprojbit. L-appellant jaf li huwa ma setax fi żmien daqstant qasir wara li wasal f'Malta, u qabel ma kellu l-permessi kollha meħtieġa, jagħmel xi xogħol. Mill-provi jirriżulta li minkejja li l-appellant kien qiegħed jistenna l-eżitu tal-applikazzjoni għal permess uniku mitlub minnu, huwa kien jaf li dik il-proċedura miftuħa quddiem l-Aġenzija Identity Malta kienet waħda inutli, għaliex huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jmur jaħdem mal-kumpannija DMA Limited. Minflok, ipprova jfittex impjieg alternattiv, f'settur totalment differenti, u beda jiffrekwenta l-istabbiliment 'Zion Bar & Restaurant' meta lanqas iċ-*change of employer form* ma kienet għadha ġiet sottomessa lill-awtoritajiet. L-appellant jgħid li dan kollu seħħ fi żmien ta' prova fix-xogħol il-ġdid li sab, iżda l-Qorti hawnhekk tistaqsi x'kien ser jiġri, u kif kien ser imantni lilu nnifsu l-appellant fil-każ ipotetiku li lanqas l-impjieg il-ġdid ma' 'Zion Bar & Restaurant' ma kien jgħodd għalih. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

*Il-ħames aggravju:* *[il-proporzjonalità tas-sanzjonijiet imposti]*

33. L-appellant jgħid li anki li kieku huwa nstab li kien qiegħed jaħdem illegalment, il-Qorti għandha ssib li s-sanzjonijiet imposti fuqu huma sproporzjonati u drakonjani. Qal li huwa kien ilu Malta biss ftit ġranet, inqas minn xahar, meta saret l-ispezzjoni fl-istabbiliment 'Zion Bar & Restaurant', u kellu jiffaċċja d-detenzjoni, kif ukoll ordni ta' ritorn, ordni ta' tneħħija u projbizzjoni tad-dħul. Qal li l-proċess għall-ħruġ ta' permessi għal xogħol minn

ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa proċess imħolli interament f'idejn min ser iħaddem lil dawn l-individwi, u huwa għalhekk li qegħdin jinħolqu diversi abbużi.

34. Il-Qorti, filwaqt li tissimpatizza mal-appellant u tifhem li s-sitwazzjoni li sab ruħhu fiha ma hija xejn feliċi, tqis li l-liġijiet fil-pajjiż qegħdin hemm biex jiġu osservati. Fil-każ odjern ġie stabbilit li l-appellant ma kellu l-ebda permess biex jaħdem Malta, u huwa kellu biss permess temporanju ta' soġġorn marbut ma' impjieg, li wara li huwa wasal f'Malta, iddeċieda li ma jridx jagħmlu. L-appellant ma setax ifittex impjieg ieħor, jew jiffrekwenta stabbiliment li wegħdu li ser iħaddmu, meta huwa kien għadu mhux kopert bil-permessi meħtieġa. Is-sanzjonijiet għal ksur tal-Kap. 217 huma fil-fatt l-ordnijiet li ngħataw lill-appellant mill-appellat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u ma jistax jingħad li ngħatat xi ordni li mhijiex ikkontemplata mil-liġi. Għaldaqstant tqis li anki dan il-ħames aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tilqa' limitatament l-ewwel aggravju tal-appellant, u tiddierieġi lill-Bord jagħti deċiżjoni separata dwar l-appell li sar mill-appellant kontra l-Aġenzija Identity Malta (IAB/SP/7143), filwaqt li tiċħad il-kumplament tal-aggravji sollevati mill-appellant.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**